**MEDIA RELEASE – FOR IMMEDIATE PUBLICATION**

# L-ewwel aġenzija tal-karozzi f'Bay Street

The UK Car Company, aġenzija tal-karozzi li l-ispeċjalità tagħhom hi li jsibu karozzi mill-Ingilterra u jġibuhom Malta, issa fetħu f'Level 0 ta' Bay Street, San Ġiljan.

Il-kumpanija twaqqfet fl-2010 u bdiet topera l-Imsida iżda ħadu deċiżjoni li jiġu Bay Street peress li ħafna nies iżuruh, iktar faċli biex issibu u l-kumpanija trid tkun iktar viċin il-klijenti tagħha.

Victor Karpati, Direttur Maniġerjali, qal li The UK Car Company toffri l-klijenti tagħha servizz ta' kwalità u serħan il-moħħ peress li kull ma jieħdu hu depożitu għall-ispejjeż tat-trasport bil-baħar u anki dan jista' jinagħta lura. Il-klijenti jistgħu anki jippruvaw il-karozza meta tasal Malta qabel ma' jħallsu għaliha.

"Kull ma għandhom jagħmlu l-klijenti hu li jgħidulna dak li qegħdin ifittxu u x'inhu l-baġit tagħhom, u aħna nagħmlu l-kumplament," qal is-Sur Karpati.

"Aħna nsibu l-karozza, naraw li tiġi ċċekkjata – l-istorja tal-HPI, kundizzjoni ġenerali, xi difetti jew ħsara – umbagħad nieħdu ħsieb it-trasport bil-baħar, il-kunsinna, il-ħlas tat-taxxa ta' Reġistrazzjoni, il-pjanċi ġodda u l-kontrolli ta' Trasport Malta biex jaraw li l-karozza tgħaddi mill-VRT," żied jgħid.

Għal iktar informazzjoni żuru www.ukcarsmalta.com.

– TMIEM –

Caption:

**Logo tal-kumpanija**